*ART 223 TAL-KAP 12- SPEJJEZ GUDIZZJARJI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 1160/2016/LSO**

**Neville Camilleri (ID462776M)**

**vs**

**Daniel Camilleri (ID272383M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Neville Camilleri (ID462776M) datat 22 ta' Dicembru 2016 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-esponenti ilu ghal madwar dawn l-ahhar hmistax-il sena u fuqhom jippossjedi unikament l-appartament Henryann Apartments Flat nr.2, Triq il-Buttuniera M'Scala kien anke jirrisjedi sa cirka 5 snin ilu filwaqt li l-intimat, min-naha tieghu jippossjedi l-appartament numru 1 fl-imsemmija blokka u f'liema appartament huwa kien u ghadu jirrisjedi.

Illi dan dan l-ahhar u senjatament ghall-habta tat-22 ta' Novembru 2016 jew fil-granet ta' qabel din id-data, l-intimat hin bla waqt, bi vjolenza, klandestinament u b'mod mill-iktar abbuziv biddel is-serratura tal-bieb ta' barra ta' dan il-blokk ta' zewg appartamenti sabiex l-esponenti m'ghadux izjed jista' jidhol fl-appartament tieghu kollox kif jigi izjed spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u ricenti *ai termini* tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili.

Illi ghalkemm interpellat sabiex jirrijentegra lill-esponenti fil-pussess li dan tal-ahhar kellu fl-imsemmi appartament anke permezz ta' rapport li sar fl-Ghassa ta' H'Zabbar u wara li l-Pulizija baghtet ghall-intimat biex minn rajh jispurga l-ispoll minnu kommess dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu sstitwiti dawn il-proceduri.

Jghid ghaldaqstant l-intimat ghar-ragunijiet premessi u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata ikkomettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti meta fit-22 ta' Novembru 2016, jew fil-granet precedenti, huwa biddel is-serratura tal-blokk taz-zewg appartamenti msemmija supra b'dan illi waqqaf kompletament l-access li l-intimat (sic. "rikorrent") kellu ghall-appartament tieghu u ghall-oggetti li jinsabu fih u dana bi ksur tal-Artikolu 535 *et seq* tal-Kodici Civili.

2. Konsegwentement tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrijintegra lill-esponenti fil-pussess li kellu qabel ma gie kommess dan l-ispoll u cioe' billi jghaddilu kopja tac-cwievet tas-serratura l-gdida bieb ta' barra tal-blokk jew li jnehhi s-serratura l-gdida u jirrimpjazza bil-qadima li taghha l-esponenti ghad ghandu c-cwievet u dan sabiex l-esponenti jerga' jkollu access liberu ghal appartament tieghu.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex iwettaq huwa stess dawk ix-xoghlijiet neccessarji li jkun hemm bzonn isiru sabiex huwa jigi jirrintegrat fil-pussess li kien igawi fl-imsemmi appartament qabel ma gie minnu spussessat bi vjolenza u klandestinament u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u jekk ikun il-kaz bl-assistenza tal-Marixxall tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva u dana a spejjez tal-intimat u taht is-supervizjoni tal-perit nominat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-ingunzzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat inkluza kawza ghad-danni ghat-telf ta' kera li l-esponenti sofra, qed isofri u jibqa' jsofri 'l quddiem sakemm jinghata lura l-access liberu tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata ta' Daniel Camilleri [Karta tal-Identita' Nru. 272383(M)] datata 27 ta' Jannar 2017 (fol 10) fejn bil-gurament tieghu kkonferma s-segwenti fatti jafhom personalment :

1. Illi preliminarjament ir-rikorrent irid igib prova tal-pussess li huwa jallega li kellu u li tali pussess kien dak rikjest mil-ligi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-esponent ma kkommetta l-ebda spoll u certament mhux ghad-dannu tar-rikorrenti Neville Camilleri;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri din l-azzjoni giet istitwita b'malizzja u b'sens ta' pika u ghaldaqstant hija frivola u vessatorja u ghaldaqstant mhux talli l-esponent ma ghandux ibati spejjez izda din l-Onorabbli Qorti

ghandha tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni kemm fil-konsiderazzjoni tal-mertu kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenri li huwa minn issa ingunt in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti fil-ligi inkluz dik ghal danni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 15 ta’ Marzu 2018 (fol 105) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Franco Galea ghall-konvenut prezenti fl-Awla. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru 1894/16 u l-Kontro Mandat 399/17 fl-ismijiet Neville Camilleri vs Daniel Camilleri bit-taxxi relattivi. Fil-mori d-difensuri ghandhom jiddikjaraw jekk hemmx il-htiega li jigu awtentikati d-dokumenti esebiti mal-affidavit tal-intimat a fol 54 *et seq* tal-process, u dan fi zmien ghaxart ijiem minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghas-17 ta’ Mejju 2018 f’ 12:00pm.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 19 ta’ Gunju 2018 (fol 107) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-attur Neville Camilleri. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, Dr Karl Grech u Dr Franco Galea, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2018.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-kap tal-ispejjez. Illi f'din l-azzjoni r-rikorrent qed isostni li l-intimat ikkometta spoll billi biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tal-blokka ta' zewg appartamenti fi Triq il-Buttuniera, M'scala, biex b'hekk vjolentement u klandestinament svesta lir-rikorrent mill-access u l-godiment li kellu fl-imsemmi blokk.

Din il-kawza giet rizolta fuq dak li jolqot il-mertu u dan bi qbil bejn il-partijiet. Ikkonsidrat li l-intimat ammetta fix-xhieda tieghu li kien hu li biddel is-serratura tal-blokka. Inoltre` fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017, gie ddikjarat li l-intimat irritorna c-cwievet tal-fond, u li dan sehh bejn April u Mejju 2017.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-mertu tal-kaz odjern huwa ezawrit.

Illi huwa minnu li l-gurisprudenza taghna dejjem interpretat l-artikolu 223 tal-Kap 12 b'mod flessibbli (ara **Costantino Muscat pro et noe et vs Nazzareno sive Reno Muscat et**, - Appell Civili – 1 ta' Ottubru 2004; **Raymond Borg et vs HalMann Limited** – Prim Awla (Sede Inf.) - 20 ta' Ottubru 2003; u **Sandro Vassallo vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**, Appell Civili – 28 ta' Frar 2014).

Il-Qorti ghandha diskrezzjoni li ttempera l-ispejjez li jbati t-tellief, jew sahansitra tinkombi l-kap tal-ispejjez fuq l-attur

fejn kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi jew ghal xi raguni tajba ohra (art.223(3)Kap 12).

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrent tramite l-avukat difensur tieghu fit-trattazzjoni qed jikkontendi li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati min-naha l-ohra. Min-naha l-ohra, l-intimat sostna li l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, anke *in vista* tal-fatt li kien hemm mandat ta' sekwestru in vigore, li sar ancillari ghall-kaz, liema Mandat ta' Sekwestru mhuwiex sorrett minn talba wahda f'dan il-kaz, ghalhekk jirrizulta li l-mandat ta' sekwestru gie revokat a spejjez tar-rikorrent Neville Camilleri.

Jinghad fl-ewwel lok, li ghalkemm dak sostnut rigward il-mandat ta' sekwestru jirrizulta mill-atti tal-Mandat kif annessi ma' dan il-kaz, fejn il-kaz Numru 56/2017 kien gie cedut permezz ta' nota ta' cessjoni (fol 37 tal-atti Rik. Nru. 56/2017) *stante* li Neville Camilleri kien ipprezenta l-kontro-mandat relattiv, dan ma jiffurmax parti minn dawn il-proceduri. Ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrent fit-trattazzjoni, li hawnhekk, *si tratta* dwar l-ispejjez ta' kaz ta' spoll, kwindi l-kwistjonijiet l-ohra relatati mal-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Rik.Nru. 56/2017 m'ghandhomx jincidu fuq l-ezitu tal-vertenza odjerna rigward l-ispejjez.

Referibbilment ghall-kwistjoni tal-pussess imsemmija mill-intimat fit-trattazzjoni, jigi ritenut li din il-kwstjoni tifforma parti mill-mertu tal-kaz li jinsab ezawrit. Izda, jigi nnutat

ukoll, li jirrizulta mill-provi u mill-atti tal-kaz, li r-rikorrent kellu sehem mill-wirt tad-defunt missieru rigward l-appartament li kien jappartjeni lil misiseru, li jinsab sovrastanti ghal dak ta' l-intimat, fl-imsemmi blokk fi Triq il-Buttuniera M'scala.

Referibbilment ghall-affidavit tal-intimat esebit a fol 55 *et sequens* tal-process, il-Qorti hadet konjizzjoni tieghu, izda jigi ritenut, li whud mill-fatti hemm enuncjati mhumiex relevanti ghall-kaz odjern. *Di piu`*, dak sottolineat rigward il-mandat ta' sekwestru u t-telf u d-danni sofferti ma jimpingux fuq il-vertenza in ezami.

Ikkunsidrat li fix-xhieda tieghu l-intimat ammetta li hu kien li biddel is-serratura tal-imsemmija blokka, u cioe` l-mertu tal-kaz odjern. L-intimat ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu, li kien hemm il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati rigward ic-cavetta mibdula. Jigi osservat li minkejja l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, anke sahansitra mal-prezentata tal-kaz odjern, ic-cavetta baqghet ma gietx mibdula, u kien biss fil-mori ta' dan il-kaz li l-intimat irreintegra lir-rikorrent fil-pussess u l-access ghall-blokka in kwistjoni. Dan il-kaz gie istitwit fit-22 ta' Dicembru 2016, u l-ispejjez gudizzjarju saru inutilment billi setghu jigu evitati precedentement mill-intimat, li kellu l-opportunita` jirrestitwixxi c-cwievet lir-rikorrent fi stadju aktar bikri.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’** u **tiddeciedi**, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu kif dedotti fir-rikors guramentat, billi r-rikorrent gie ripristinat u reintegrat fil-pussess tieghu fil-mori ta’ dawn il-proceduri, **tordna** li l-ispejjez kollha jigu sopportati mill-intimat.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta’ Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Ottubru 2018**